# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION
## ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 21 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 9**

**Rikors numru 104/15/2 LM**

**Carmelo Ellul (Sr.), Carmel Ellul (Jr.), Brian Farrugia u Stephanie Ellul**

**v.**

**AX Hotel Operations Limited (C-40905) u Suncrest Hotels p.l.c. (C-8643), u b'digriet tal-Qorti tas-17 ta' April 2015 ġiet kjamata fil-kawża s-soċjetà Elmein Limited (C-17341)**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mis-soċjetà msejħa fil-kawża (inkarigata minn lukanda mmexxija mis-soċjetajiet konvenuti sabiex tieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-lifts) minn sentenza finali mogħtija mill-**Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (l-Ewwel Qorti)** fit-2 ta' Diċembru, 2020 li

permezz tagħha laqgħet it-talbiet attriċi sew kontra l-konvenuti ġestituri tal-lukanda kif ukoll kontra s-soċjetà responsabbli mill-manutenzjoni tal-lifts sabiex iħallsu lill-atturi danni li sofrew bħala residenti tal-lukanda b'riżultat ta' malfunzjonament tal-lift li kienu fih. L-atturi u l-konvenuti ppreżentaw appelli inċidentali.

2. Il-fatti fil-qosor li taw lok għal din il-kawża huma s-segwenti. Waqt li l-atturi **Carmelo Ellul, Carmel Ellul, Brian Farrugia u Stephanie Ellul,** (**l-atturi jew l-atturi Appellati jew l-atturi Appellanti Inċidental**i) kienu alloġjati fil-lukanda "Suncrest Hotel" ġewwa l-Qawra huma weġġgħu u sofrew debilità permanenti meta kienu qed jagħmlu użu minn wieħed mil-lifts tal-lukanda li mmalfunzjona. Ġara li l-lift niżel b'veloċità eċċessiva u f'ħin minnhom waqaf ħesrem bl-attivazzjoni tal-*brake* ta' emerġenza. Kien hawn li l-atturi sofrew ġrieħi li ssarfu f'diżabilità permanenti. Fittxew għalhekk lill-operaturi tal-lukanda **AX Hotel Operations Limited u Suncrest Hotels p.l.c. (il-Lukandiera** jew **il-Konvenuti** jew **il-Konvenuti Appellanti Inċidentalment)** għar-riżarċiment tad-danni *damnum emergens* u *lucrum cessans*.

3. Il-Konvenuti, filwaqt li kkontestaw ir-responsabbiltà għall-akkadut, talbu s-sejħa fil-kawża tal-kumpanija **Elmein Limited (Elmein** jew **is-Soċjetà kjamata fil-kawża** jew **is-Soċjetà kjamata fil-kawża appellanti**) il-kumpanija inkarigata minnhom għall-manutenzjoni regolari

tal-lift inkwistjoni. B'digriet tas-17 ta' April, 2015 l-Ewwel Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Elmein Limited.

4. B'sentenza finali tat-2 ta' Diċembru, 2020 l-Ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti u tal-kjamata fil-kawża, laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi, illikwidat id-danni konsegwenzjali li għandhom jitħallsu lill-atturi fis-somma ta' €2,419.08 lill-attur Carmelo Ellul Snr.; €42,293.04 lill-attur Carmel Ellul Jnr.; €8,140.93 lill-attur Brian Farrugia u €26,053.16 lill-attriċi Stephanie Ellul u ordnat sew lill-konvenuti kif ukoll lill-imsejħa fil-kawża sabiex iħallsu dawn id-danni lill-atturi.

5. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fir-rigward tar-responsabbilità għad-danni reklamati wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

> "Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom l-atturi saħqu li huma m'għandhom l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà Elmein Limited u kien għalhekk li huma kienu kuntrarji għas-sejħa ta' din il-kumpannija fil-kawża sa mill-bidu ta' dawn il-proċeduri. Huma spjegaw li fil-kwadru kuntrattwali emerġenti mir-relazzjoni ta' bejn l-atturi u l-konvenuti oriġinali, Elmein Limited ma tirraffigura imkien, u li l-uniku vinkolu kontrattwali f'dan il-każ huwa bejn l-atturi, alloġġjati fil-lukanda tas-soċjetajiet konvenuti, u l-lukandiera. Huma sostnew li l-lukandier huwa obbligat jirrispondi lill-alloġġjat jekk dan tal-aħħar iġarrab xi ħsara fuq persuntu frott in-negliġenza jew it-traskuraġni tal-lukandier.
>
> Il-Qorti kkonsidrat il-provi kollha miġjuba fil-kawża minn fejn jirriżulta li l-inċident mertu ta' dawn il-proċeduri seħħ meta kien hemm malfunzjonament fil-lift tal-lukanda fejn kienu alloġġati l-atturi flimkien ma' qraba oħrajn tagħhom. L-attur Carmel Ellul Snr. spjega kif meta l-atturi daħlu fil-lift fis-seba' sular tal-lukanda sabiex jinżlu fil-ground floor, u għafsu l-buttuna, huwa mill-ewwel sema' ħoss li m'għoġbux, u f'daqqa waħda l-lift beda nieżel b'mod aċċellerat. Il-lift waqaf b'tisbita meta ingaġġa l-mekkaniżmu tal-emergency brake, u l-persuni li kienu fil-lift

dak il-ħin kellhom jinħarġu bl-assistenza ta' impjegati tal-lukanda. L-għada tal-inċident, rappreżentanti ta' Elmein Limited intalbu jmorru fil-lukanda sabiex jaraw x'seta' kien li kkawża l-inċident, u hemm ġie stabbilit li kien hemm xi cross-bars mgħawġin, għalkemm ix-xhieda li taw id-depożizzjoni tagħhom quddiem il-Qorti ma qablux bejniethom dwar jekk il-ħsara fil-cross-members kienx riżultat tal-inċident, jew inkella jekk dawn tgħawġux sabiex setgħu jinħarġu l-atturi mil-lift wara l-inċident. Il-mara ta' Carmelo Ellul Snr. spjegat li wara li l-atturi nħarġu mil-lift, hija semgħet lill-ħaddiem tal-manutenzjoni tal-lukanda jirrimarka mar-receptionist li huwa kien ilu jiġbed l-attenzjoni, presumibbilment tal-management, li l-lifts kienu waslu biex jinbidlu. Fil-fatt mill-provi jirriżulta li madwar sena wara l-inċident, f'din illukanda kien sar refurbishment estensiv u kienu nbidlu l-lifts kollha. Il-general manager tal-lukanda qal l-inċident seħħ għax il-lift waqaf fuq l-emergency brake, u qal li meta jiskatta l-mekkaniżmu tal-emergency brake mhux suppost li jweġġgħu n-nies. Mill-provi jirriżulta li l-Inġinier Ray Spiteri intalab jagħmel rapport dwar linċident aktar minn sena u nofs wara li kien seħħ. Dan qal li hija safety feature tal-lift li meta lift jibda jaċċellera jew jaħdem b'veloċità li tkun tal-inqas 10% aktar min-normal, dan jingaġġa s-safety gear b'mod awtomatiku. Dan ix-xhud qal ukoll li l-lift in kwistjoni ma kienx l-aqwa tip ta' lift li hawn fis-suq, għalkemm qal li kien lift adegwat għall-użu kummerċjali. Kompla jgħid li minkejja dan, huwa kien ikkonstata li dan il-lift kien jikkonforma mal-istandards Ewropej. Dan ix-xhud qal li fattur li kkontribwixxa għal dan l-inċident kien il-fatt li l-lift ma kienx mgħammar b'compensating chain, u spjega li wara l-inċident, il-liftijiet kollha installati minn Elmein Limited bdew jiġu bil-compensating chain maħsuba biex tgħin fit-traction f'każ li jinqala' xi inċident simili għal dak odjern. Dan ix-xhud qal li l-lift kien mantnut b'mod regolari u kien ukoll iċċertifikat b'mod indipendenti. Fil-fatt jirriżulta li ċ-ċertifikazzjoni ta' dan il-lift kienet ġiet sottomessa lill-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, kif jirriżulta wkoll mill-provi. Dan ix-xhud eskluda li seta' kien hemm użu ħażin tal-lift jew tagħbija aktar milli kien jiflaħ.

Joseph Muscat, direttur tal-kumpannija Elmein Limited, spjega li l-kuntratt li l-kjamata fil-kawża kellha mas-soċjetajiet konvenuti kien jipprovdi għall-manutenzjoni regolari tal-lifts u għaċ-ċertifikazzjoni tagħhom kull sitt xhur. Qal li l-brake tal-lift ma daħalx fil-ħin tal-inċident għaliex ma kienx hemm overspeeding biżżejjed. F'dan ir-rigward hemm nuqqas ta' qbil bejn dak li xehed l-Inġinier Spiteri, li qal li l-inċident seħħ meta ddaħħal il-mekkaniżmu tal-emergency brake, u dak li xehed Joseph Muscat, id-direttur tas-soċjetà kjamata fil-kawża. Dan ix-xhud qal li mill-jobsheets ippreżentati jirriżulta li l-lift in kwistjoni kien jiġi spezzjonat regolarment qabel seħħ l-inċident, u l-aħħar spezzjoni fil-fatt kienet saret madwar tliet ġimgħat qabel l-inċident, u mill-istess jobsheets jirriżulta li l-cross-members li tgħawġu kienu inbidlu jumejn wara. Dan ix-xhud wera t-tħassib tiegħu għall-fatt li l-machine room tal-lukanda kienet titħalla miftuħa u kulħadd kellu aċċess għaliha.

Il-Qorti tqis li skont dak li jirriżulta mill-provi, u minkejja l-fatt li jirriżulta li l-lifts in kwistjoni kienu jiġu mantenuti b'mod regolari, dan l-inċident ma

kienx iseħħ li kieku mhux għaliex il-kumpanniji konvenuti, operaturi tal-lukanda in kwistjoni, naqsu mill-obbligu tagħhom li jaraw li t-tagħmir kollu tal-lukanda kien qiegħed jiffunzjona b'tali mod li ma jipperikolax is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni alloġġati fil-lukanda. Jirriżulta mill-provi li hekk kif l-atturi daħlu fil-lift u xi ħadd minnhom għafas il-buttuna li permezz tagħha indika fejn riedu jieqfu, huma mill-ewwel semgħu ħoss li ħassibhom, filwaqt li l-lift mill-ewwel beda jaċċellera 'l isfel, tant hu hekk li kemm Carmelo Ellul Snr., kif ukoll Stephanie Ellul xehdu li huma qabdu ma' pum li kien hemm fil-lift sabiex jevitaw li jaqgħu fl-art. L-użu ħażin mill-persuni li għamlu użu mil-lift ġie eskluż anki mill-Inġinier Spiteri, u għalhekk ċertament li ma jistax jintqal li f'dan il-lift kien hemm aktar persuni milli kien jiflaħ jew li dawn għamlu xi ħaġa li permezz tagħha pperikolaw is-sigurtà tagħhom fil-lift. Jirriżulta wkoll li t-tibdil tal-lifts kien inkluż fil-programm ta' xogħlijiet ta' refurbishment li saru fil-lukanda madwar sena wara l-inċident, u għalhekk dan il-fattur waħdu jindika li dak li semgħet ix-xhud Josephine Ellul minn ħaddiem tal-maintenance, li l-lift kien "wasal", kien minnu. Mill-provi jirriżulta wkoll li ftit taż-żmien wara l-inċident, fil-liftijiet kollha tal-lukanda ġie installat compensating chain, li ma kienx hemm qabel, u dan sabiex jiġi assigurat li ma terġax tinħoloq sitwazzjoni fejn lift jitlef mit-traction tiegħu hu u nieżel.

Il-Qorti qieset ukoll li l-kumpannija Elmein Limited kienet il-fornitur tal-lift, u l-entità li ħadet ħsieb tiċċertifika regolarment li dawn il-liftijiet kienu mantnuti kif suppost. Mill-provi jirriżulta wkoll li sa tliet ġimgħat qabel seħħ l-inċident, din il-kumpannija ċċertifikat li l-lift in kwistjoni kien fi stat tajjeb biex jintuża. Jirriżulta wkoll iżda li wara l-inċident in kwistjoni, ħaddiema tal-kumpannija Elmein sabu l-cross-members tal-lift mgħawġin u kellhom jibdluhom, u wara l-inċident il-manifattur Spanjol kien irrakkomanda li titwaħħal compensating chain f'lifts bħal dak mertu ta' dawn il-proċeduri. Ċertament li ma jistax jintqal li għaliex bejn l-atturi u s-soċjetà kjamata fil-kawża m'hemm l-ebda rapport kuntrattwali, din m'għandhiex twieġeb għall-akkadut. Ma jistax ikun li tliet ġimgħat wara li lift jiġi ċċertifikat tajjeb għall-użu, naturalment wara li jsiru testijiet rigorużi skont l-ispeċifikazzjonijiet f'dan il-qasam, iseħħ inċident bħall-inċident mertu tal-kawża. Jekk tabilħaqq l-inċident seħħ għaliex il-lift kien wasal biex jinbidel, il-ħaddiema tal-kjamata fil-kawża kellhom l-obbligu li jiġbdu l-attenzjoni tas-soċjetajiet konvenuti dwar dan, u mhux jiċċertifikaw li l-lift kien tajjeb biex jibqa' jintuża. Jirriżulta wkoll li wara li seħħ l-inċident, il-manifattur tal-lift in kwistjoni beda jirrakkomanda t-twaħħil ta' compensating chain, li l-funzjoni tagħha hija biex tgħin fit-tnaqqis tat-traction f'każ li jinqala' xi incident bħal dak odjern. Il-benefiċċju li lift ikun mgħammar b'din it-tip ta' katina li sservi wkoll bħala kontra-piż, ġie spjegat lill-Qorti mill-Inġinier Spiteri. Possibbli li fis-snin kollha li fihom kien hemm relazzjoni kontrattwali bejn il-kjamata fil-kawża u s-soċjetajiet konvenuti, dawn qatt ma rrakkomandaw it-twaħħil ta' katina bħal din sabiex tiżdied is-sigurtà tal-persuni li jużaw il-lift? Hawn qed nitkellmu fuq lift installat f'lukanda b'diversi sulari, li ta' kuljum jintuża minn mijiet ta' persuni.

> Wara li semgħet il-provi kollha li tressqu quddiemha, il-Qorti tqis li kemm is-soċjetajiet konvenuti, kif ukoll il-kjamata fil-kawża għandhom iwieġbu għall-akkadut. Mhux biżżejjed għal-lukandier li jistrieħ fuq il-fatt li t-tagħmir ipprovdut minnu fil-lukanda tiegħu jikkonforma mal-istandards tas-suq, jew li dan kien jibgħat għall-inġiniera kull tant żmien sabiex jiċċertifikaw li l-lift qiegħed jiffunzjona tajjeb. Jekk lift kien ilu jintuża tant snin li kien wasal biex jinbidel, kif fil-fatt jirriżulta li sar, jew jekk lift seta' jiġi mgħammar b'tagħmir aktar sigur, bħal ma hija l-*compensating chain*, sabiex jiġu evitati infortunji simili għal dak li ġarrbu l-atturi, kien obbligu tas-soċjetajiet konvenuti li jassiguraw li dan isir. Il-Qorti lanqas ma fehmet x'kienet ir-raġuni għalfejn is-soċjetajiet konvenuti stennew sena u nofs wara l-inċident qabel talbu lill-Inġinier Spiteri jagħmel ir-rapport tiegħu. Huma dawn il-fatturi li jindikaw li kien hemm nuqqas ta' diliġenza u prudenza da parti tal-konvenuti u tal-kjamata filkawża, kemm minħabba li kien hemm tagħmir li seta' jiġi installat għas-sigurtà aħjar tal-utenti tal-lift, kif ukoll minħabba l-mod kif dawn imxew wara l-inċident".

6. Elmein ħassitha aggravata bis-sentenza appellata u b'rikors tat-18 ta' Diċembru, 2020, għar-raġunijiet hemm mogħtija, appellat mis-sentenza tal-Ewwel Qorti. Fis-27 ta' Jannar, 2021 is-Soċjetajiet Konvenuti ressqu risposta kif ukoll appell inċidentali. Fit-3 ta' Frar, 2021 l-atturi ressqu risposta kif ukoll appell inċidentali. Fit-8 ta' Frar, 2021 l-atturi ressqu risposta għall-appell inċidentali tas-Soċjetajiet Konvenuti, fid-19 ta' Frar, 2021 is-Soċjetà kjamata fil-kawża ppreżentat risposta għall-appell inċidentali tal-atturi; u wkoll fid-19 ta' Frar, 2021 is-Soċjetà kjamata fil-kawża ppreżentat risposta għall-appell inċidentali tas-Soċjetajiet Konvenuti.

**L-Appell Prinċipali tas-Soċjetà kjamata fil-kawża Elmein Limited**.

7. Fl-appell tagħha Elmein ressqet diversi aggravji dwar is-sentenza tal-Ewwel Qorti kif ukoll ressqet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni biennali *ai termini* tal-Artikolu 2153 tal-Kodiċi Ċivili.

8. Peress illi permezz tat-<u>tieni aggravju</u> Elmein tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħha illi ma kellha l-ebda relazzjoni ġuridika mal-atturi, tqis li huwa opportun li jiġi l-ewwel u qabel kollox trattat dan l-aggravju għaliex jekk jirriżulta fondat ma jkunx meħtieġ li jiġu trattati l-aggravji l-oħra ta' Elmein u lanqas l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni.

9. Elmein tikkontendi illi l-atturi stess jisħqu illi r-relazzjoni ġuridika tagħhom hija biss u esklussivament mal-Konvenuti fil-forma ta' vinkolu bejn alloġjat u lukandier imsejjes fuq relazzjoni kontrattwali. Tiċċita estensivament min-nota ta' sottomissjonijiet tagħha u min-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi li kienu tressqu quddiem l-Ewwel Qorti u tgħid li dawk is-sottomissjonijiet ġew injorati mill-Ewwel Qorti. Tisħaq li hi ma hiex il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni promossa mill-atturi. Tinsisti illi l-atturi ma setgħu qatt jottjenu l-kundanna ġudizzjarja tagħha u għalhekk qatt ma setgħat tkun ikkunsidrata leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi. Tiċċita minn ġurisprudenza li żżomm illi anke jekk jirriżulta illi kundanna tal-konvenut tista' twassal sabiex il-konvenut sokkombenti jista' jipproċedi b'kawża *ad hoc* kontra l-imsejjaħ fil-kawża, l-istess kjamat fil-kawża għandu xorta waħda jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Tgħid illi l-mera possibilità li l-konvenuti jistgħu jivvantaw xi pretensjonijiet fil-konfront tagħha "mhuwiex biżżejjed sabiex jimmerita li l-imsejjaħ fil-

kawża tingħata sentenza fil-konfront tagħha.” Dan għaliex skont Elmein, sabiex tista’ titqies leġittimu kontradittur u allura soġġetta li tiġi kkundannata, jeħtieġ illi l-*petitum* jista’ jirnexxi kontra tagħha.

10. Iżżid tgħid illi fil-kawża odjerna hija mankanti “la comunanza di causa” liema komunanza ma sseħħx jekk bejn il-konvenut u t-terz imsejjaħ fil-kawża jkun hemm “rapport differenti mill-causa petendi dedotta mill-attur”. Tinsisti għalhekk illi mhux biss il-*petitum* tal-atturi ma jista’ qatt jirnexxi fil-konfront ta’ Elmein iżda wkoll li l-allegata *causa petendi* bejn il-lukandiera u Elmein hija naxxenti minn relazzjoni differenti għal dik eżistenti bejn il-lukandiera u l-atturi. Bil-konsegwenza, tgħid Elmein, illi l-*petitum* tal-kawża odjerna qatt ma seta’ jiġi deċiż fil-konfront tal-kumpanija msejħa fil-kawża. Elmein tilmenta illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta ċaħditilha l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha illi ma hemm l-ebda relazzjoni ġuridika bejnha u l-atturi. Fi kliem ieħor tikkontendi li qatt ma kienet leġittimu kontradittur u li għalhekk kellha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju.

11. Fir-risposta tagħhom, l-atturi jgħidu illi huwa minnu li tul is-smigħ kollu tal-kawża quddiem il-Qorti tal-ewwel grad huma dejjem sostnew li ma kellhom l-ebda relazzjoni ġuridika ma’ Elmein, bil-fatt illi issa ngħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti jqisu illi għandhom jedd li jbiddlu l-pożizzjoni

tagħhom u jaqblu ma' dak deċiż mill-Ewwel Qorti fejn caħdet l-eċċezzjoni dwar in-nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u Elmein.

12. Il-konvenuti min-naħa l-oħra jsostnu fir-risposta tagħhom għall-appell prinċipali, illi bejn Elmein u l-atturi hemm relazzjoni ġuridika għaliex kienu l-konvenuti li inkarigawha tagħmel il-manutenzjoni tal-lift.

**Ikkunsidrat:**

13. Sabiex jiġi stabbilit jekk bejn attur u konvenut/msejjaħ fil-kawża hemmx relazzjoni ġuridika jeħtieġ qabel xejn li l-Qorti tqis ix-xorta tal-azzjoni mressqa quddiemha. Eżerċizzju li jinneċessita l-aċċertament, fuq il-bażi tal-*causa petendi* u tal-*petitum,* tar-riżultat li min istitwixxa l-azzjoni qed ifittex bl-azzjoni minnu/ha promossa. (**Av. Antoine Naudi noe. v. John Abela Ltd.** – Appell Inferjuri – 2 ta' Ottubru, 2009; **Shahzad Gill v. Kunsill għall-Infermiera u Qwiebel Malta** – Appell Superjuri – 29 ta' Frar, 2024). Fil-verità dan ma hux eżerċizzju meħtieġ biss meta qorti hija rinfaċċjata b'eċċezzjoni ta' nuqqas ta' relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet f'kawża imma huwa eżerċizzju li l-qorti għandha tagħmel qabel tisma' u tiddeċiedi kull kawża li jkollha quddiemha billi l-ewwel u qabel kollox tevalwa n-natura vera u l-indoli tal-azzjoni ppreżentata (**Fairbet Ltd et. v. Malta Gaming Authority -** Qorti tal-Appell - 4 ta' Mejju, 2022.

14. Fis-sistema ġuridiku tagħna l-attur għandu prattikament libertà assoluta dwar ix-xorta ta' kawża li jrid jadixxi l-qorti biha. Għalhekk ix-xejra tal-azzjoni tiddependi mill-għażla tal-parti attriċi li tressaqha u hija determinata mill-għamla tal-azzjoni hekk magħżula u mit-talbiet magħmula. (**Nutar Dr. Charles Vella Zarb v. Anna Vella** - Prim'Awla - 8 ta' Frar, 2006). Għażla libera li ġiet diversi drabi rikonoxxuta fil-ġurisprudenza *patria*.

15. Il-prinċipji interpretattivi għall-identifikazzjoni tax-xorta ta' azzjoni ġew elokwentement miġbura fis-sentenza **Marija Baldacchino et. v. Carmelo Grima et**[1] mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Mejju 1997:

> "L-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta' l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju [Vol.XXXIV.III.746]. .... Biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment gie mitlub bic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. [Vol.lXXXV.II.776]".

16. Ix-xorta u n-natura tal-azzjoni attriċi għandha neċessarjament tinstilet mill-att promotur. Kjarifika fil-mori ma tista' qatt tbiddel l-azzjoni kif imressqa fl-att promotur. (ara **Raymond Bezzina v. Anthony Galea** – Appell Superjuri - 30 ta' Marzu, 1998; **Vincent Ciappara et. v. Nazzareno sive Reno Bartolo et.** – Appell Superjuri – 15 ta Novembru, 2023).

---

[1] Ara wkoll **George Micallef v. Anthony Grima et.** - Qorti tal-Appell - 29 ta' April, 2016.

17. Il-kawżali tad-domanda hija dik li hemm espressa fiċ-ċitazzjoni u ma tistax tiġi mibdula. Kif inżamm fis-sentenza **Noel Calleja et. v. Middle Sea Valletta Life Assurance Company Limited** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Marzu, 2010 " ... mhux lecitu li l-kawza tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni."

18. Ngħaddu sabiex naraw x'jikkostitwixxi *rapport ġuridiku*, jew kif aktar imsejjaħ, *relazzjoni ġuridika*. Hemm relazzjoni ġuridika regolata mil-liġi (għalhekk ġuridika) kull meta bejn tnejn jew aktar persuni hemm fuq naħa persuna "attiva" illi l-liġi tagħtiha jedd ta' azzjoni, u fuq naħa oħra persuna "passiva" li fuqha jaqa' l-obbligu korrispondenti versu l-persuna "attiva". Minn hawn joriġinaw l-espressjonijiet "leġittimazzjoni attiva" u "leġittimazzjoni passiva". Mal-leġittimazzjoni attiva hemm marbut "l-interess ġuridiku" filwaqt li mal-leġittimazzjoni passiva hemm marbut "il-leġittimazzjoni kontradittorja" jew aħjar "il-leġittimu kontradittur". Tali persuni huma meqjusa l-partijiet fir-rapport ġuridiku. B'differenza tat-"Terz" li proprju huwa l-persuni estranea għar-rapport ġuridiku bejn il-partijiet.

19. Hija regola ġenerali tad-dritt illi ***res alios acta terzio neque prodest, neque nocet*** ie. r-rapport ġuridiku bejn żewġ partijiet ma għandux effett fuq it-terz, la favorevoli u lanqas ta' ħsara, salv eċċezzjonijiet stipulati fil-liġi.

20. Rigward azzjonijiet għad-danni, leġittimazzjoni attiva għad-danni tista' titwieled minn relazzjoni kontrattwali anteċedenti l-*eventus damni* minn rapport ġia eżisteni, jew inkella extra kontrattwali fejn ir-rapport ġuridiku li jitnissel b'effett ta' att jew ommissjoni ma jkollux l-għeruq tiegħu f'rapport kontrattwali anteċedenti iżda jitwieled *ex nunc* appena jseħħ l-avveniment.

21. Kull kuntratt għandu b'oġġett ħaġa illi waħda mill-partijiet li jikkuntrattaw tintrabat li tagħti, li tagħmel, jew li ma tagħmilx. (**Art. 982 Kodiċi Ċivili**). Il-kuntratti għandhom jiġu esegwiti bil-bona fidi, u jobbligaw mhux biss għal dak li jingħad fihom, iżda wkoll għall-konsegwenzi kollha li ġġib magħha l-obbligazzjoni skont ix-xorta tagħha, bl-ekwità, bl-użu jew bil-liġi. (**Art. 993 Kodiċi Ċivili**).

22. Il-kuntratt bejn lukandier u alloġjant huwa meqjus kuntratt atipiku peress illi ma hux regolat speċifikatament min-norma statutorja bħalma hu pereżempju l-kuntratt ta' kera. Il-Kodiċi Ċivili jipprovdi biss dwar ir-responsabbiltajiet tal-lukandier limitatment dwar il-ħsara, distruzzjoni jew telf ta' proprjetà li tkun inġiebet fil-lukanda minn xi alloġjant. (**Art. 1039 Kodiċi Ċivili**). Interessanti illi s-subinċiż 2 tal-Artikolu 1039 jipprovdi fost l-oħrajn illi, dejjem dwar l-oġġetti li l-alloġjant ikun ġab miegħu fil-lukanda,

ir-responsabbilità ta' lukandier hija illimitata anke fejn id-dannu huwa riżultat ta' negliġenza jew nuqqas ta' sengħa "fi grad żgħir ħafna".

23. Fir-rigward tad-danni kontrattwali, id-diliġenza li wieħed għandu juża fl-eżekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi ħsieb il-ġid biss ta' waħda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-waħda u l-oħra, hija, f'kull każ, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-Artikolu 1032 tal-Kap. 16.[2] Inżamm illi meta l-leġislatur jitkellem fuq id-dannu kaġunat minħabba negliġenza proprja jew imprudenza, qed jaċċenna għad-dannu li jitnissel mill-kważi-delitt, li l-bażi tiegħu hija l-ħtija, li hija l-kolpa extra-kontrattwali msejħa fid-Dritt Roman il-Kolpa Akwiljana. Għaliex għall-kolpa kontrattwali għandu setgħa dak li hemm provdut fl-Artikolu 1132 tal-Kap. 16 li jagħmel referenza għall-Artikolu 1032 tal-Kap. 16 (ara. **Carmelo Micallef *pro et noe* v. Raphael Avalione *et.*** - Qorti tal-Appell - 11 ta' Marzu, 1957).

24. Wara li jiġi stabbilit ix-xorta ta' azzjoni promossa, ikun imiss illi jiġi mistħarreġ jekk fil-qafas tal-*causa petendi* kif impostata mill-attur, hemmx relazzjoni ġuridika bejn min ħarrek u l-imħarrek, jew bejn min ħarrek u l-imsejjaħ fil-kawża; dejjem skont il-premessi u t-talbiet fl-att promotur.

---

[2] Art. 1132. Kap. 16.

25. Kif inżamm fis-sentenza **Av. Dr. Louis Cassar Pullicino *noe* v. Angelo Xuereb *pro et noe*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Frar 2009, li kkonfermat dak li nżamm mill-Prim Istanza f'kawza li wkoll trattat azzjoni għad-danni sofferti f'lukanda minn alloġjant, ir-relazzjoni ġuridika tal-alloġjant għar-riżarċiment tad-danni kienet il-lukanda u mhux is-sub kuntrattur li seta materjalment ikkaġuna d-danni:

> "Il-kontradittur tal-azzjoni attriċi għandha tkun is-socjeta` Ta' Kella Limited, illum magħrufa bhala Holiday Resort Limited, għax hija din li taccetta t-turisti u tidhol f'relazzjoni magħhom b'obbligu li tagħtihom l-*amenities* u s-servizzi li jkunu ntitolati għalihom. Il-fatt li dan ix-xogħol tagħmlu tramite sub-contractor (Suncrest Limited) m'għandux jinteressa lill-attriċi li kkuntrattat biss mas-socjeta` Holiday Resort Limited. Ovvjament, is- socjeta` Suncrest Limied, bhala sub-contractor, trid twieġeb għall-egħmil tagħha lil Holiday Resort Limited, u jekk din tal-aħħar, minħabba xi nuqqas tal-operatur, tinsab responsabbli fil-konfront tal-attriċi għall-incident in kwistjoni, hi jkollha dritt ta' rigress kontra l-operatur, issub-contractor".

26. Rilevanti f'dan ir-rigward dak li sostnew l-atturi tul is-smigħ tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti b'mod partikolari dak minnhom sottomess fin-nota ta' osservazzjonijiet finali tagħhom:

> "2. L-atturi ser jindirizzaw l-argumenti tagħhom dwar il-ħtija għall-akkadut kontra s-soċjetajiet konvenuti AX Hotel Operations Limited u Suncrest Hotels p.l.c. peress li jemmnu li huma dawn iż-żewġ entitajiet, bħala gesture u amministraturi tal-lukanda, li għandhom iwieġbu di fronti għad-domanda ġudizzjali riżarċitorja tagħhom u anke peress li l-atturi m'għandhomx relazzjoni mas-soċjeta' kjamata in kawża Elmein Limited u li l-istess ma tinkwadra xejn fil-vertenza de quo kif proposta mill-istess atturi.
>
> 3. Infatti meta s-soċjetajiet konvenuti kienu talbu għas-sejħa fil-kawża, l-atturi kienu oġġezzjonaw u tali oġġezzjoni tinsab artikolata fl-atti ġudizzjarji tal-preżenti proċediment (rikors tal-21 ta' April, 2015). B'deċiżjoni preliminari tas-17 ta' April, 2015 din l-Onorabbli Qorti kienet sejħet fil-kawża l-imsemmija soċjeta' Elmein Limited għall-ekonomija

tal-ġudizzju u utilitajiet proċedurali (u mhux minħabba l-integrita' tal-ġudizzju).

4. Dejjem salv il-fehma diversa ta' din l-Onorabbli Qorti fl-eventwali pronunzjalment tagħha dwar il-mertu, l-atturi għadhom isostnu illi l-kumpanija kjamata in kawża hi barranija għall-kwistjoni u estranea għat-talbiet ta' l-atturi f'din l-istanza. Fil-kwadru kuntrattwali bejn l-atturi u l-imħarrkin oriġinali, is-soċjeta' Elmein Limited ma tinkwadrax ruħha, ħlief, apparentement, f'relazzjoni solament ma' l-istess imħarrkin. Kwalsiasi rabta li talvolta jista' jkun hemm bejn AX Hotel Operations Limited, Suncrest Hotels p.l.c. u Elmein Limited hi kompletament estranea, awtonoma u indipendenti mill-pretiża ta' l-atturi f'dawn il-proċeduri (li huma ta' danni minn alloggjat kontra l-lukandier ... "

27. Aktar ċari minn hekk ma setgħux ikunu l-atturi. Jenfasizzaw illi l-azzjoni minnhom promossa hija msejsa unikament fuq ir-relazzjoni kontrattwali li huma għandhom mal-lukandiera fejn kienu alloġjati u li huma ressqu t-talbiet tagħhom imsejsa unikament fuq dik ir-rabta kontrattwali. Fi kliem ieħor jikkontendu l-atturi illi d-danni minnhom reklamati huma danni kontrattwali u mhux danni aquiliani u li għalhekk ma huma qed jippretendu xejn mingħand Elemein.

28. Ta' ċerta rilevanza f'dan ir-rigward hija s-sentenza **Avukat Peter Caruana Galizia *et* v. Yorgen Fenech *et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022 fejn irriteniet illi:

"Huwa l-attur li jrid jiddeċiedi lil min irid iħarrek għad-danni li allegatament ikun sofra, u jekk irid iħarrek lill-persuna waħda minn aktar, il-konvenut ma jistax jitlob li l-każ jinfetaħ biex jinkludi persuni oħra li skont hu kienu parti fl-aggressjoni. Il-konvenut jista', jekk irid, jipprova jitfa' r-responsabbilità fuq terzi minnu indikati, u l-Qorti tkun tenuta teżamina dik id-difiża u jekk issib li l-konvenut ikollu raġun, tista' tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju, però l-konvenut ma jistax jipprova jgħaddi t-tort fuq terz meta l-attur ma jridx dan. Il-Qorti tqis li l-liġi tħalli għal kollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. "Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha

> ħadd, għaliex ir-riperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob" – **Xuereb v. Borg et,** deċiża minn din il-Qorti fil-25 ta' Ġunju, 2019. F'din il-kawża, l-atturi jisħqu li huma biss il-konvenuti li personalment għandhom iwieġbu għat-talbiet tagħhom, u m'għandhomx jiġu mġiegħla jipproċedu kontra persuni oħra li huma ma ħarrkux".

29. L-atturi talbu li l-Qorti tiddikjara illi " ... l-imħarrkin ... huma responsabbli għad-deskritt inċident ... meta l-atturi kienu alloġġjati fil-lukanda ... u li b'konsegwenza tiegħu l-imħarrkin ... huma passibbli għad-danni di fronte għall-istess atturi." Huwa minnu li fil-premessi l-atturi jgħidu illi l-konvenuti huma responsabbli minħabba "traskuraġni, negliġenza, imperizja....." imma tali premessa marbuta mal-ewwel premessa fejn jingħad illi " ... meta l-atturi kienu alloġjati fil-lukanda ... sfaw infortunati meta għamlu użu minn wieħed mil-lifts tal-lukanda proprjetà tal-imħarkin jew ... ġestita ... minnhom."

30. Ma hemmx kuntrast bejn il-partijiet illi kien hemm malfunzjonament fil-lift li fih kienu l-atturi meta weġġgħu serjament. In-ness bejn id-danni subiti mill-atturi u l-malfunzjonament tal-lift fil-lukanda tal-konvenuti ġie ampjament ippruvat. L-oneru fuq l-atturi sabiex jirnexxilhom fit-talbiet tagħhom kien li jippruvaw illi kienu alloġjati fil-lukanda tal-konvenuti, li waqt li kienu hekk alloġjati użaw wieħed mil-lifts li hemm fil-lukanda, li waqt li kienu qegħdin fil-lift dan għadda minn malfunzjonament fejn aċċellera aktar minn normal mingħajr l-ebda kontributorjetà da parti tal-atturi u li meta waqaf ħesrem, bl-applikazzjoni awtomatika tal-*brake* ta' emerġenza, sofrew danni permanenti u danni oħra.

31. Huwa minnu illi l-Ewwel Qorti sabet nuqqasijiet ukoll fuq Elmein bħala d-ditta inkarigata mil-lukanda għall-manutenzjoni tal-lift; però f'kawża tax-xorta bħal dik odjerna, versu l-atturi għal dawk in-nuqqasijiet tirrispondi l-lukanda u mhux it-terzi illi l-lukanda tkun inkarigat sabiex jaqbu parti mid-doveri tagħha. Fl-azzjoni minnhom promossa l-atturi ma kellhom l-ebda oneru li jippruvaw illi t-terz imqabbad mil-lukanda ma kienx kapaċi jaqdi l-inkarigu lilu mogħti mill-konvenuti. Għan-nuqqasijiet tat-terzi inkarigati mill-konvenuti, jirrisponu l-konvenuti versu l-atturi. X'kienu t-termini tal-kuntratt bejn il-konvenuti u Elmein huwa għall-atturi *inter alios acta* u bl-ebda mod ma joħloq rapport ġuridiku bejn l-atturi u Elmein. L-azzjoni promossa mill-atturi hija msejsa fuq ir-rapport kontrattwali bejnhom u l-lukanda illi alloġjathom kontra korrispettiv u fuq l-ebda rapport ġuridiku ieħor.

32. Tali *causa petendi* bl-ebda mod ma tista' titqies illi hija wkoll applikabbli għall-imsejħa fil-kawża. L-imsejħa fil-kawża ma hiex parti f'dak ir-rapport kontrattwali. Għal dak li jikkonċerna l-atturi, għan-nuqqasijiet ta' Elmein jirrispondu l-konvenuti.

33. Fir-risposta tagħhom għall-appell ta' Elmein l-atturi jagħmlu l-argument illi għalkemm huwa minnu illi tul is-smigħ kollu tal-kawża huma sostnew illi l-azzjoni attriċi ġiet minnhom imsejsa unikament fuq ir-

relazzjoni kontrattwali tagħhom mal-lukandiera, issa li ġiet pronunzjata s-sentenza tal-Prim Istanza ħassew li għandhom jagħmlu spostament mill-pożizzjoni li żammew quddiem il-Qorti tal-ewwel grad. Jgħidu illi ladarba l-Ewwel Qorti sabet illi Elmein responsabbli flimkien mal-konvenuti għal dak li seħħ fil-lift, issa mmanifestat ruħha r-relazzjoni ġuridika bejnhom u bejn Elmein.

34. Din il-Qorti ma taqbel xejn ma' tali sottomissjoni. In-natura tal-azzjoni hija stampata fil-mument li tiġi istitwita u ma tgħaddi minn ebda mutamenti b'riżultat tal-provi li jitressqu. Kif ingħad fil-ġurisprudenza fuq ċitata r-relazzjoni kontrattwali bejn Elmein u l-konvenuti hija għall-atturi inter *alios acta.* Huwa wkoll prinċipju bażilari fil-proċedimenti ġudizzjarji illi l-azzjoni attriċi hija dik kif promossa fl-att promotur u sakemm l-attur ma jirnexxilux jitlob u jottjeni mill-qorti emendi jew żidiet għal dak l-att, l-ebda mutament fin-natura tal-azzjoni attriċi ma hu konsentit. Tajjeb jiġi mfakkar illi ma kienx fil-kors tal-kawża li l-atturi skoprew li Elmein kienet inkarigata mill-konvenuti sabiex tieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-lift *de quo agitur.* Tant illi r-rappreżentanti tagħha huma mniżżla fil-lista tax-xhieda tal-atturi. B'mod emfatiku l-atturi dejjem sostnew, sakemm ma ġie intavolat l-appell odjern minn Elmein, illi l-azzjoni tagħhom hija msejsa unikament fuq ir-relazzjoni kontrattwali tagħhom mal-lukandiera u kien għalhekk illi fittxew lilhom biss u mhux ukoll lil ħaddieħor.

35. Tqis għalhekk illi Elmein ma għandhiex relazzjoni ġuridika mal-atturi u konsegwentement ser tgħaddi sabiex tilqa' l-appell inċidentali tagħha, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tagħha u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju.

36. **Għaldaqstant tilqa' t-tieni aggravju tal-imsejħa fil-kawża Elmein Limited.**

**L-appell Inċidentali tal-konvenuti lukandiera**.

37. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> tagħhom fl-<u>appell inċidentali l-konvenuti</u> <u>AX Hotel Operations Limited u Suncrest Hotels plc</u> jikritikaw is-sentenza appellata fejn sabithom responsabbli għall-akkadut. Jgħidu illi huma inkarigaw lil Elmein sabiex tagħmel manutenzjoni regolari tal-lift u għalhekk ma jistgħux jinżammu responsabbli għal dak li seħħ għaliex jekk kien hemm xi nuqqas dan kien ta' Elmein u mhux tagħhom. Jgħidu li r-responsabbilità ta' Elmein hija naxxenti mill-Kap. 378 li jirregola l-affarijiet tal-konsumatur fejn Parti IX titratta r-responsabbilità tal-importatur u fornitur għad-danni kaġunati minn prodotti difettużi inkluż lifts. Jinsistu illi huma "eżerċitaw reliance u debita diliġenza u kienet il-kjamata fil-kawża unikament illi kellha responsabbilità dan dejjem tenut kont ta' dak li espressament trid il-liġi meta jkun hemm ħsara lil konsumaturi naxxenti minn prodotti difettużi."

**Ikkunsidrat:**

38. Il-Qorti tgħid mill-ewwel illi dan l-aggravju ma hux fondat. Il-liġi ċitata mill-konvenuti f'dan l-aggravju ma hi ta' l-ebda rilevanza, apparti illi l-kawża ma ġietx intavolata *ai termini* ta' dik il-liġi. L-atturi ma kinux klijenti ta' Elmein u għalhekk il-liġijiet tal-konsumatur ma jiċċentraw xejn.

39. L-inċident seħħ f'lift proprjetà jew ġestit mill-konvenuti. Lift li ġie installat fuq inkarigu tagħhom u kien taħt il-kustodja tagħhom fil-ħin tal-inċident. Ma ressqu l-ebda provi l-konvenuti dwar x'wassal għall-malfunzjonament tal-lift. Li nafu biċ-ċert huwa xi prekawzjonijiet bdew jittieħdu wara l-inċident, prekawzjonijiet li setgħu faċilment ittieħdu qabel l-inċident.

40. Ir-responsabbilità tal-konvenuti versu l-atturi ma tiġix nieqsa bil-fatt li inkarigaw lil Elmein sabiex tagħmel il-manutenzjoni tal-lift. Qua lukandiera jibqgħu responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi f'lift li kien taħt il-kustodja tagħhom. Lukandier li jaċċetta li jalloġja għandu persuna, għandu jassigura illi l-lukanda ma toffri l-ebda perikolu għall-alloġjat. Irrispettivament jekk id-dannu soffert mill-atturi ġiex kaġunat minħabba tgħarriq tal-istruttura frott it-trapass taż-żmien minn kemm kien ilu installat il-lift, jew inkella ġiex kaġunat minħabba traskuraġni ta' min il-lukanda

inkarigat għall-manutenzjoni, jew inkella hux minħabba l-inġinier inkarigat mil-lukanda sabiex jispezzjona u jiċċertifika l-lift, ir-responsabbilità ta' dak li ġara lill-atturi tibqa' dejjem tal-lukanda. Sta għal-lukanda mbagħad jekk tinstab responsabbli għad-danni versu l-atturi li ddur fuq min jidhrilha sabiex jekk għandha jedd tirkupra dawk id-danni mingħand it-terz. Però versu l-atturi ma tistax tiskolpa ruħha billi tgħid illi hija inkarigat lil ħaddieħor sabiex jieħu ħsieb il-manutenzjoni tal-lift. Kif jgħid il-ġurista **Galgano,** fit-trattat tiegħu, **Diritto Privato** (para. 30.4 pg.553) ċitat fis-sentenza fuq imsemmija **Cassar Pullicino v. Xuereb** "Il principio e` quello secondo il quale l'imprenditore che, per eseguire la propria prestazione, deve ospitare i clienti nei locali dell'impresa, e` tenuto a predisporre una organizzazzione idonea a garantire l'integrita` e la sicurezza, oltre che della persona del cliente, anche dei beni che egli porta con se`."

41. **Għaldaqstant tiċħad l-ewwel aggravju fl-appell inċidentali tal-konvenuti lukandiera.**

**Appell Inċidentali tal-konvenuti u Appell Incidentali tal-atturi dwar il-*Quantum* tad-Danni akkordati mill-Ewwel Qorti**.

42. Permezz tal-appell inċidentali tagħhom il-konvenuti jgħidu illi d-danni akkordati mill-Ewwel Qorti kienu eċċessivi għaliex "ġie adoperat kriterju ta' disabilità u kriterju ta' working years eccessivi".

43. Filwaqt li permezz tal-<u>appell inċidentali</u> tagħhom <u>l-atturi</u> jgħidu illi l-Ewwel Qorti kienet skorretta meta illikwidat il-*lucrum cessans,* jgħidu illi l-aggravju tagħhom ma hux dirett lejn il-grad ta' debilità u lanqas lejn il-*multipliers* addottati mill-Ewwel Qorti. Jikritikaw is-sentenza appellata għaliex isostnu li l-Ewwel Qorti attribwit qligħ erronju lill-attriċi Stephanie Ellul meta abbinat is-salarju annwu fl-ammont ta' €9,179.70 fis-sena għaliex fil-jum tal-inċident kienet studenta universitarja fil-kors tal-liġi. Jgħidu illi l-Ewwel Qorti ma ħaditx inkonsiderazzjoni l-potenzjal tal-qligħ futur tal-attriċi Stephanie Ellul u minflok ħarset lejn paga minima. Iċċitaw diversi sentenzi li kienu wkoll jitrattaw vittmi ta' diżabilità permanenti li wkoll kienu studenti fejn il-qrati kkunsidraw dħul annwu għall-finijiet tal-*multiplier* ferm aktar minn dak ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Tenut kont illi l-Ewwel Qorti kellha l-benefiċċju li tikkonsidra illi l-attriċi Stephanie Ellul temmet b'suċċess il-kors tal-liġi u llum għandha dħul fiss mill-ħidma tagħha fil-qasam ġudizzjarju, jikkontendu illi l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra dħul annwu fis-somma ta' €24,500 fis-sena u mhux €9,179.70.

44. Jilmentaw ukoll l-atturi illi fil-komputazzjoni tal-*lucrum cessans* l-Ewwel Qorti ħadmet fuq salarju net u mhux fuq salarju gross. Jikritikaw lill-Ewwel Qorti illi wara li stabbilit is-salarju gross naqset ammont rappreżentanti taxxa *ossia* kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali. Jgħidu illi

l-Ewwel Qorti la kellha tnaqqas it-taxxa tad-dħul u lanqas il-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali għaliex. Jirreferu f'dan ir-rigward għal diversi sentenzi inkluż tal-Qorti tal-Appell li żammew li għall-finijiet tal-kalkolazzjoni għandu jittieħed kont tas-salarju gross u mhux dak net. Jilmentaw ukoll l-atturi fir-rigward tar-riduzzjoni ta' 20% li għamlet l-Ewwel Qorti minħabba dak li jissejjaħ "*lump sum payment*". Jinsistu illi skont il-ġurisprudenza l-aktar reċenti l-20% jiġu ridotti bir-rata ta' 2% fis-sena għal kull sena li jdumu għaddejjin il-proċeduri ġudizzjarji u dan sabiex itaffi l-effetti tal-inflazzjoni fil-frattemp. Fl-aħħarnett jitolbu illi l-imgħax legali fuq is-somma likwidata għandu jiddekorri mhux mid-data tas-sentenza tal-lum imma mid-data tas-sentenza appellata.

**Ikkunsidrat:**

45. Dwar l-aggravju fl-appell inċidentali tal-konvenuti jingħad mill-ewwel illi ma tressqu l-ebda raġunijiet mill-konvenuti għaliex l-ammont ta' danni likwidat mill-Ewwel Qorti huwa eċċessiv. Ilment ta' appellant illi ammont likwidat mill-Ewwel Qorti huwa eċċessiv mingħajr l-ebda spjegazzjoni ma jissodisfax ir-rekwiżit impost mill-Artikolu 143 (2) tal-kodiċi ritwali illi appellant għandu jagħti "raġunijiet dettaljati għaliex ikun qiegħed isir l-appell".

46. **Għaldaqstant l-appell inċidentali tal-konvenuti qed jiġi riġettat.**

47. Dwar l-appell inċidentali tal-atturi fir-rigward tad-danni akkordati rispettivament din il-Qorti ser tibda bil-konsiderazzjonijiet tal-aggravji li jolqtu l-atturi appellanti inċidentalment kollha, imbagħad tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji li jolqtu lill-atturi individwalment.

48. L-atturi jressqu l-aggravju illi meta l-Ewwel Qorti ġiet sabiex tillikwida l-*lucrum cessans*, hija naqset 20% bħala riduzzjoni għal-*lump sum payment.* Jitolbu illi din il-Qorti tieħu inkonsiderazzjoni l-aħħar żviluppi ġurisprudenzjali fir-rigward kif ukoll in-numru ta' snin li ilha pendenti din il-kawża.

49. Dan l-aggravju huwa fondat, aktar u aktar li issa żdied il-perijodu tal-appell. Huwa miżmum fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti illi l-perċentwali ta' 20% riduzzjoni għall-ħlas f'daqqa tal-ammont globali likwidat għandu jonqos bir-rata ta' tnejn fil-mija (2%) għal kull sena li l-kawża ddum sabiex tiġi deċiża definittivament. (**Roberta Cassar *pro et noe* v. Polidano Brothers Limited** - Qorti tal-Appell - 25 ta' April, 2024). Meta tqis illi din il-kawża tinstab fl-għaxar sena tagħha, ma hux indikat illi għandu jsir tnaqqis minħabba l-*lump sum payment*.

50. **Għaldaqstant tilqa' l-aggravju tal-atturi marbut mar-riduzzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti minħabba l-*lump sum payment***.

51. Aggravju ieħor tal-atturi appellanti inċidentali huwa illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tieħu inkonsiderazzjoni s-salarju net imma s-salarju gross.

52. Dan l-aggravju wkoll huwa fondat. Il-ġurisprudenza ta' din il-Qorti f'dan ir-rigward hija ċara fis-sena illi t-telf ta' qligħ għandu jinħadem fuq id-dħul gross tas-salarju u mhux fuq id-dħul net (ara. **Trevor Grech v. Lawrence Agius** - Qorti tal-Appell - 15 ta' Ġunju, 2023 u l-ġurisprudenza hemm ċitata[3])

53. **Għalhekk qed tilqa' dan l-aggravju**.

54. In vista tal-konsiderazzjonijiet sa issa magħmula huwa meħtieġ illi l-likwidazzjoni tad-danni tiġi riveduta. Issa ser tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji tal-atturi individwalment.

**L-aggravji tal-attriċi Stephanie Ellul**.

55. L-attriċi Stephanie Ellul tilmenta illi l-Ewwel Qorti ma kellhiex tieħu s-somma ta' €9,179.70 bħala d-dħul medju annwali għall-finijiet tal-

---

[3] **Mario Galea v. Malta Freeport Terminals Limited *et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022, **Alexander Ciantar v. Malta Freeport Terminals Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Marzu, 2021, **Kerstin Sant v. Trelleborg Sealing Solutions Malta Limited** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, 2021, **Silvan Farrugia v. Carmelo Gatt *et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru, 2020 u **George Borg *et nomine* v. Anthony Borg *et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-20 ta' Ottubru, 2008.

likwidazzjoni tad-danni pekunjarji lilha spettanti; imma kellha tuża ċifra ferm akbar.

56. Din il-Qorti tqis dan l-aggravju fondat.

57. Fiż-żmien tal-inċident l-attriċi Stephanie Ellul kienet studenta universitarja u għaldaqstant ma jistax jingħad illi ma kienx hemm prospetti tajbin illi fil-futur ser ikollha dħul li jissupera sew il-paga minima nazzjonali. L-Ewwel Qorti ma ħaditx dan inkonsiderazzjoni u minflok irraġunat hekk:

> "Din l-attriċi ma ġabet l-ebda prova tad-dħul tagħha fiż-żmien meta seħħ l-inċident, iżda ġabet prova tad-dħul li eventwalment bdiet tipperċepixxi wara li laħqet avukat u sabet impjieg. Il-Qorti iżda ma tistax tibbaża l-komputazzjoni tagħha fuq dawk iċ-ċifri, u d-dħul bażiku tal-attriċi meta seħħ l-inċident ser jiġi kkomputat ... fuq il-paga minima nazzjonali fis-sena rilevanti."

58. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Bil-fatt illi fiż-żmien li nstemgħat il-kawża l-attriċi Stephanie Ellul laħqet għaddiet minn ħajja studenteska għall-ħajja lavorativa m'għandux jitqies irrilevanti; iżda għall-kuntrarju huwa l-aqwa prova fiċ-ċirkostanzi tad-dħul futur tal-vittma. B'tali prova d-dħul futur ma jibqax dak mistħajjel imma jsir dak reali.

59. Bil-fatt illi meta seħħ l-inċident *de quo agitur* l-attriċi Stephanie Ellul kienet għadha studenta ssegwi kors terzjarju intiż li jagħtiha prospetti aħjar fid-dinja tax-xogħol ma għandux jitqies bħala żvantaġġ għaliha. Lanqas għandu jitqies illi d-dħul tagħha futur ser ikun anqas minn dak ta'

vittma tal-istess età tagħha illi appena spiċċat l-edukazzjoni obbligatorja waqfet mill-istudji u daħlet pront fid-dinja tax-xogħol. Wara kollox l-iskop tad-danni *lucrum cessans* huma marbuta mad-dħul potenzjali futur tal-vittma. Huwa miżmum illi bil-fatt li wara l-inċident il-vittma jirnexxielha ssib impjieg bi dħul ogħla minn dak li kellha fil-jum tal-inċident, ma jinnewtralizzax l-effetti tad-diżabilità permanenti f'termini ta' danni pekunjarji. Kif ingħad minn din il-Qorti fis-sentenza **Veronica Muscat v. Eric Sciberras Balbi** mogħtija fl-4 ta' Mejju, 2022:

> "Tajjeb li jiġi mfakkar il-prinċipju li l-fatt li persuna li tkun sofriet minn diżabilità permanenti tkun qiegħda taħdem u forsi saħansitra qiegħda taqla' aktar milli kienet qiegħda taqla' qabel ma korriet (kif fil-fatt huwa l-każ f'dan l-inċident fejn l-attriċi kienet għadha studenta), ma jfissirx li hija ma setgħetx issib opportunitajiet aħjar ta' xogħol li kieku ma korrietx. Id-diżabilità neċessarjament timplika tnaqqis fil-possibilità ta' dik il-persuna li tilħaq il-potenzjal massimu fil-ħajja lavorattiva tagħha."

60. Fis-sentenza **Judith Nicola Cordina v. Michael Angelo Cordina** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar, 2021 li kienet tirrigwardja debilità permanenti sofferta mill-attriċi meta kienet għadha taħt l-età, l-Qorti ħadet inkonsiderazzjoni s-salarju li kellha l-attriċi fiż-żmien tal-kawża u żiditu sabiex jirrifletti l-probabilità li fil-futur is-salarju tal-vittma ser jiżdied. Qalet hekk fir-rigward:

> "Bil-mod li wieġbet (l-attriċi) il-Qorti m'għandhiex dubju li l-appellanti trid tkompli tavvanza u tagħmel suċċess u minn dak li qalet tidher determinata. Wara kollox għad għandha 31 sena.
>
> Il-Qorti mhijiex ser toqgħod tispekula u ser tibbaża l-kalkoli fuq dak li hu magħruf illum. Bħala stat ta' fatt l-appellata għandha salarju annwali ta' €13,033. Il-Qorti ser tagħmel il-kalkoli fuq is-somma ta' €18,000 ġialadarba meta tqis ukoll l-eta` li għandha, probabbilment matul is-snin il-qligħ tal-attriċi jiżdied".

61. L-attriċi Stephanie Ellul sofriet id-diżabilità permanenti fit-13 ta' Novembru, 2011 meta kellha 21 sena. Ġie ppruvat illi fis-snin 2016/2017 kellha salarju gross annwu ta' circa €24,500.00 fis-sena. Sabiex jittieħed kont ukoll li huwa bil-wisq probabbli li matul is-snin il-qligħ tal-attriċi Stephanie Ellul ser jiżdied, din il-Qorti tqis illi d-dħul annwu medju għall-finijiet tal-likwidazzjoni tal-*lucrum cessans* (salarju gross inkrimentat) għandu jkun fis-somma ta' tletin elf ewro (€30,000).[4]

62. Peress li fil-jum tal-inċident l-appellanti Stephanie Ellul kellha 21 sena l-Ewwel Qorti utilizzat *multiplier* ta' 35 li wkoll ser jiġi adottat minn din il-Qorti.

63. Għaldaqstant id-danni *lucrum cessans* ta' Stephanie Ellul qed jiġu likwidati bil-mod segwenti:

€30,000.00 x 35 (*multiplier*) x 10% (diżabilità) = €105,000

64. **Konsegwentement qed tilqa' l-aggravji tal-attriċi appellanti inċidentali Stephanie Ellul, u tvarja s-sentenza appellata billi**

[4] Fl-appell inċidentali tal-appellanti Stephanie Ellul hemm żball matematiku fejn jingħad illi s-salarju gross li kellu jittieħed inkonsiderazzjoni kien ta' €24,500 filwaqt li s-salarju gross inkrimentat ġie erronjament indikat bħala wkoll €24,500 bil-konsegwenzjali żbalji aritmetiċi konsegwenti.

**tillikwida d-danni sofferti minnha fis-somma ta' mija u ħamest elef ewro (€105,000).**

**L-aggravji tal-attur Carmelo Ellul Sr.**

65. Dwar Carmelo Ellul Sr. li fil-jum tal-inċident kien qed jirċevi l-pensjoni tal-irtirar/diżabilità u kellu 56 sena, l-Ewwel Qorti ħadmet fuq paga minima nazzjonali viġenti fil-jum tal-inċident ammontanti għal €7,979.40 li aġġustatha għal €7,637.05 "abbażi tal-indiċi tal-għoli tal-ħajja għall-perijodu kollu tal-multiplier". Minn dan l-ammont l-Ewwel Qorti naqset 10% rappreżentanti l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li kif rajna ma kellhomx jitnaqqsu; Ħadet inkonsiderazzjoni *multiplier* ta' 8 u llikwidat id-danni *lucrum cessans* ta' Carmelo Ellul Snr. Fis-somma ta' €2,419.08.

66. Jeħtieġ għalhekk illi din il-Qorti tikkalkula d-danni dovuti lil Carmelo Ellul Sr. in vista tal-konsiderazzjonijiet fuq magħmula u tibda billi tqis illi d-dħul annwu medju qed jiġi kkunsidrat fis-somma ta' €8,000 (salarju gross inkrimentat) x 8 snin (*multiplier*) x 4% (diżabilità) = **€2,560.00**.

67. **Għalhekk qed tilqa' l-aggravji tal-attur appellant inċidentali Carmelo Ellul Sr**.

**L-aggravji tal-appellant Carmelo Ellul Jr**.

68. Dwar l-appellant Carmelo Ellul Jr. l-Ewwel Qorti wkoll ħadet inkonsiderazzjoni d-dħul net u mhux id-dħul gross. Għalhekk ser tgħaddi sabiex tikkalkula l-*lucrum cessans* ta' Carmelo Ellul Jr. meħud ukoll inkonsiderazzjoni dak li ġie aktar qabel ikkonsidrat f'dan l-appell inċidentali:

Dħul gross €24,055.63, aġġustat minħabba ż-żidiet futuri u l-inflazzjoni għal €27,664.00[5]

€27,664 x 22 (*multiplier*) x 10% (diżabilità) = **€60,860.00**

**Għaldaqstant qed tilqa' l-aggravji tal-attur appellant inċidentali Carmelo Ellul Jr.**

**L-aggravji tal-attur Brian Farrugia**.

69. Fl-aħħarnett dwar l-attur Brian Farrugia wkoll l-aggravji tiegħu huma fondati u jeħtieġ li jsir aġġustament tad-danni likwidati mill-Ewwel Qorti.

---

[5] + 15%.

70. €12,675.00 aġġustat minħabba żidiet futuri u l-inflazzjoni għal €14,600.00[6].

€14,600.00 x 22 (*multiplier*) x 3% (dizabilità) = **€9,636.00**

**Tilqa' għalhekk l-aggravji tal-attur appellant inċidentali Brian Farrugia.**

***Decide.***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda:

(i) **Tilqa'** l-appell prinċipali tas-soċjetà msejħa fil-kawża Elmein Limited, tvarja s-sentenza appellata billi tħassarha sa fejn laqgħet it-talbiet attriċi fil-konfront tagħha, tilqa' l-ewwel eċċezzjoni ta' Elmein Limited peress li qed issib illi ma hemmx relazzjoni ġuridika bejn l-atturi u s-soċjetà msejħa fil-kawża, u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju;

(ii) **Tiċħad** l-appell inċidentali tal-konvenuti AX Hotel Operations Limited u Suncrest Hotels p.l.c.;

[6] + 15%.

(iii) **Tilqa'** l-appell inċidentali tal-atturi, tvarja s-sentenza sa fejn illikwidat id-danni *lucrum cessans* billi tillikwida kif ġej u minflok dak likwidat mill-Ewwel Qorti, tordna lill-konvenuti AX Hotels Operations Limited u Suncrest Hotels p.l.c. iħallsu; (a) lill-attur Carmelo Ellul Sr. is-somma ta' elfejn, ħames mija u sittin ewro (€2,560.00); (b) lill-attur Carmel Ellul Jr. is-somma ta' sittin elf, tmien mija u sittin ewro (€60,860.00); (c) lil attur Brian Farrugia s-somma ta' disat elef, sitt mija u sitta u tletin ewro (€9,636.00); u (d) lill-attriċi Stephanie Ellul is-somma ta' mija u ħamest elef ewro (€105,000). Dawn oltre l-ammonti rispettivi ta' *damnum emergens* likwidat mill-Ewwel Qorti a favur kull attur u attriċi.

**Bl-imgħax legali** mil-lum, minħabba li l-*lucrum cessans* likwidat mill-Ewwel Qorti ġie varjat b'din is-sentenza, sad-data tal-pagament effettiv.

**Bl-ispejjeż** taż-żewġ istanzi kontra s-soċjetajiet konvenuti AX Hotel Operations Limited u Suncrest Hotels p.l.c.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm